# IL-PJAN TAL-LEZZJONI - UNIT 6.5

**Kap 6:Iċ-Ċirfku ta' Ġewwa**

**Lezzjoni 6.3: Ġesù jagħmlilna kuraġġ**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**



1. Jirrealizzaw il-kuraġġ ta' Pietru meta mexa fuq il-baħar.
2. Jifhmu l-kobor ta' Ġesù fit-tempesta.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

== Il-ppt: Jesus Calms the Storm - Ġesù jsikket it-tempesta
http://www.youtube.com/watch?v=slbJlwja7Gg

== Il-ppt: Jesus walks on the water – Ġesu u Pietru jimxu fuq l-ilma

http://www.youtube.com/watch?v=85S4WAT3rX4

**(Uri wieħed minhom)**



== Il-kanzunetta: Worksheet 6.5 *Rock my soul-*
http://www.walkingoliver.com/rock-a-my-soul/

== Karta ta' taħriġ 6.5

**Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

== Iddiskuti u staqsi lill-istudenti:

Tiftakru xi storja fejn Ġesù kien mal-appostli li għamlilhom kuraġġ?

Wara li l-istudenti jwieġbu (Pietru jimxi fuq il-baħar/It-tempesta kkalmata), kompli staqsi:

- Għalfejn beżgħu l-appostli?

- Ma kienx hemm Ġesu' magħhom?

- X'għamel Pietru?

- Xi ġralu meta beża'?



**Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)**

== Uri ppt. Ġesu' jsikket it-tempesta:
http://www.youtube.com/watch?v=85S4WAT3rX4

Agħti tifsira tal-istorja:

1. *Fil-fraġilità tagħhom, id-dixxipli faċilment setgħu jitqarrqu bl-entużjażmu tal-folla. Għalhekk Ġesù jibgħathom ix-xatt l-ieħor, il-post fejn Ġesù kien imur magħhom biex jiġborhom fil-kwiet u hemm jitkellem magħhom biss.*

- Tela' waħdu fuq l-għoljiet biex jitlob. Ġesù nnifsu kellu bżonn jżomm il-kuntatt mal-Missier. Ġesù kien iġibha biss minn għaqda sħiħa miegħu fit-talb. L-istess kif għamel fil-Ġetsemani.

- Id-dgħajsa kienet diġà f'nofs  il-baħar titħabat mal-mewġ, għax kellhom ir-riħ kontra tagħhom. Kien bil-lejl, kienu f'nofs il-baħar, titħabat mal-mewġ, u r-riħ kontra tagħhom.  Naraw id-diffikultajiet tad-dixxipli. Fl-istess waqt, l-Imgħallem kien f'għaqda sħiħa mal-Missier, li minn għandu jġib is-saħħa kollha għalih u għalihom.

- Fir-raba' sahra tal-lejl.  Bejn it-tlieta u s-sitta ta' filgħodu. Il-lejl kien kważi ntemm u wasal biex jisbaħ jum.

  = Imma għaliex Ġesù jistenna sa daqshekk biex iħallini narah?

  = Tgħid biex jurini li minkejja li mhux narah, huwa xorta qiegħed preżenti u moħħu fija?

  = Tgħid irid li fil-maltemp jiena wkoll nagħmel il-parti tiegħi?

  = Tgħid biex infittex appoġġ anke fl-oħrajn li huma miegħi fid-dgħajsa?

  = Forsi wkoll biex nixxennaq aktar għalih u nħoss aktar il-bżonn tiegħu f'ħajti!

- Mar lejn in-naħa tagħhom miexi fuq il-baħar. Minħabba l-għaqda kontinwa tiegħu mal-Missier, Ġesù jirkeb fuq kull maltemp u jirbaħ kull mewġ.  Huwa wkoll kontinwament jersaq in-naħa tagħna.  U dawn iż-żewġ fatti flimkien  huma t-tama tagħna f'kull dlam u f'kull mument diffiċli, anke meta r-riħ ikun jonfoħ kontra d-dgħajsa (il-Knisja) li flimkien qegħdin fiha.

- "Dan xi fantażma!"  Minħabba n-nuqqas ta' fidi u li għadna ma nafux sewwa lil Ġesù u spiss ma narfuhx. "Dan x'inhu?" Naħsbuh fantażma. Jekk Ġesù għalija huwa dak li għex elfejn sena ilu u ma nħarisx lejh bħala dak li għadu ħaj u qed jgħammar miegħi llum, allura nibqgħu nħarsu lejh bħala fantażma. Quddiem il-qawwa tiegħu, nistgħu nibżgħu minfok insibu l-assigurazzjoni tagħna.

Imma huwa kontinwament jagħmlilna kuraġġ, "Agħmlu l-qalb, jiena hu, tibżgħu xejn!"

- "Jekk huwa int, ordnali niġi ħdejk." Għax huwa Hu, Ġesù kontinwament jgħidilna nersqu lejh. Huwa għalhekk ġie, biex jiġbed lill-bnedmin kollha lejh. Imma qabel nersaq lejh, l-*ewwel* irrid nintebah li huwa Hu. It-*tieni* nżomm ħarsti fuqu u mhux fuq il-mewġ ta' madwari. It-*tielet* nimxi lejh fil-mixja tal-fidi tiegħi.

- "Salvani, Mulej!" Malajr Ġesù medd idu u qabdu. Forsi mhux ma' kulħadd hekk mexa? Forsi llum se jimxi b'mod differenti ma' min jersaq lejh u jitolbu?

- "Bniedem ta' fidi żgħira, għaliex iddubitajt?" Id-dubji ta' Pietru u sħabu jnisslu fija t-tama li kif waslu huma, hekk għad nasal jiena ukoll. Naf li Ġesù dejjem lest imidd idu u jaqbadni. U dan spiss jagħmlu wkoll permezz tal-oħrajn.

- Meta mbagħad it-tnejn telgħu fid-dgħajsa, ir-riħ waqaf. Meta aħna fid-dgħajsa u magħna hemm Ġesù, anke jekk barra jonfoħ ir-riħ, għalina hemm il-kalma.

== Iftaħ il-Ktieb tal-Attivitajiet 6.5 u wara li taqra u tispjega s-silta mogħtija stieden lill-istudenti biex fuq bażi individwali jimlew Attività A .

== Aqsam il-klassi fi gruppi u ħalli l-istudenti jiddiskutu Attività B. Wara ħalli l-istudenti jaqsmu dak li jkunu ddiskutew mal-bqija tal-klassi.

== Aqra Attività C u wara li tiddiskuti fakkar li r-rispett u l-imħabba jitolbu li inti taqdi u ma tistenna xejn lura.

== Uża song Rock my soul- http://www.walkingoliver.com/rock-a-my-soul/ u emfasizza li rridu nkunu lesti biex nilqgħu lill-Mulej.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**




1. Ġesu' kien jitlob qabel jagħmel xi ħaġa.

2.Ġesu' jieħu ħsieb il-ħbieb tiegħu u kien jgħaddi
l-ħin magħhom

3. Ġesu' kien dejjem iqawwi qalb l-appostli fid-diffikultajiet tagħhom.

**Nagħżlu flimkien (L-Attitudni)**




Ġesù jgħallimna nersqu lejn Alla bit-talb.

Huwa jagħmlilna kuraġġ meta nibżgħu.

Għalhekk għandna nersqu lejh għax fih insibu l-faraġ.

**Niċċelebraw flimkien xi kant/drama/DV**

Il-ppt: Jesus Calms the Storm - Ġesù jsikket it-tempesta
http://www.youtube.com/watch?v=slbJlwja7Gg

== Il-ppt: Jesus walks on the water – Ġesu u Pietru jimxu fuq l-ilma

http://www.youtube.com/watch?v=85S4WAT3rX4

**(Uri wieħed minhom)**

== Il-kanzunetta: Worksheet 6.5 *Rock my soul-* http://www.walkingoliver.com/rock-a-my-soul/

**Nitolbu**



Mulej, irrid li jiena wkoll infittex lill-Missier

kif kont tfittxu int.

Ibqa' miegħi, Mulej,

Salvani, Mulej bħad-dixxipli li kienu fid-dgħajsa,

Mulej, jiena wkoll ninxteħet inqimek u bħalhom

nistqarrlek, "Tassew, int Bin Alla!"

Ammen.